**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**SUPERJURI**

**MAGISTRAT**
**Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-lum il-Gimgha 20 ta' April 2001**

Citazzjoni numru 170/00G1

Gorg u Lilian konjugi Gatt u Marija mizzewga Camilleri, Mary Louise mizzewga Muscat, Stephen Camilleri u Dennis Camilleri u Robert Camilleri

-vs-

Anthony Camilleri, John Camilleri, Michael Camilleri, Carmen mart Martin Xuereb, Agnes armla ta' Nazzareno Camilleri f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' uliedha l-imsefrin David Camilleri, Nathalie mart Emanuel Hili u Kevin Camilleri

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

"Illi l-konvenuti permezz ta' ittri ufficjali taghhom fl-10 u fit-18 ta' April 2000, hawn annessi u markati dokti "A" u "B" rispettivament, allegaw illi l-atturi huma responsabbli ghall-isparizzjoni ta' somma li taccedi hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) matul il-hajja u wara l-mewt ta' Ursola Camilleri u talbu lill-konvenuti Gorg u Lilian konjugi Gatt jaghtu rendikont ta' fejn dawn il-flus kollha sparixxew;

Billi l-atturi ghandhom interess illi jilliberaw ruhhom minn din il-millantazzjoni tal-konvenuti;

Billi l-konvenuti minkejja li gew debitament interpellati fit-13 ta' April 2000 naqsu illi jirtiraw tali allegazzjoni.

Talbu ghaliex dina l-Qorti:

1. m'ghandhiex tipprefigi terminu ta' mhux aktar minn tliet xhur sabiex il-konvenuti jiddeducu fil-gudizzju dawna l-pretensjonijiet taghhom;

2. fil-kaz li ma jiddeducux fit-terminu li jinghata lilhom, m'ghandhomx jigi lilhom impost silenzju perpetwu billi jigi lilhom mpedut li qatt jipprocedu b'dina l-pretensjoni immaginarja taghhom;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' April 2000 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrkin.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi, l-lista tax-xhieda taghhom u l-elenku tad-dokumenti minnhom esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. illi fl-ewwel lok li l-atturi ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom f'din il-kawza li jistitwixxu l-azzjoni odjerna;

2. illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija guridikament insostenibbli billi l-oggett ta' dina l-kawza ma jikkostitwix bazi ghal din l-azzjoni;

3. illi fit-tielet lok u bla pregudizzju gahll-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-mankanza ta' zewg elementi essenzjali li fuqhom hija fondata l-azzjoni odjerna u cioe' dik tal-pussess u l-molestja;

4. illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-ewwel tliet eccezzjonijiet, li l-atturi ghandhom jippruvaw li huma ghandhom jew li ghandhom fil-pussess taghhom il-kreditu ossia l-flus li taghhom l-eccipjenti qeghdin jitolbu rendikont taghhom;

5. illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, li l-eccipjenti kulma talbu bl-ittri ufficjali responsivi taghhom tal-10 u tat-18 ta' April 2000, kien li jinghataw rendikont tal-flus li kellha ommhom Ursola Camileri, li maghha kienu jghixu l-atturi George u Lilian Gatt, li taghha l-attrici l-ohra Maria Camilleri kellha l-prokura, u li fid-dar tal-mejta kienu jidhlu l-atturi l-ohra kollha;

6. li mill-flus li kellha ommhom Ursola Camilleri kemm dawk li jirrizultaw mid-denunzja tal-mewt ta' zewgha Paolo Camilleri li miet fl-20 ta' Marzu 1982, kemm il-flus li kellha d-dar fl-epoka tal-mewt ta' zewgha, kemm il-flus li kienet tircievi ta' kull xahar mill-pensjonijiet, kemm dik Amerikana kif ukoll dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Socjali ta' Malta, l-istil tal-hajja

misera u bla kapricci ta' xejn li fiha kienet tghix Ursola Camilleri li qatt ma kielet sa ma xebghet, u dan huwa ben maghruf lill-partijiet, liema dhul kien jammonta ghal eluf kbar ta' liri ghall-perjodu bejn l-1982 meta miet zewgha Paolo Camilleri u l-1997 meta mietet Ursola Camilleri kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza, madanakollu Ursola Camilleri mietet minghajr ma rrizulta li kellha xejn flus la fid-dar fejn kienet tghix u lanqas depositi fil-banek anzi skond l-atturi mietet bid-dejn billi lanqas kien baqalha biex jithallas il-funeral taghha, liema spejjez gew saldati mill-eccipjenti. Ta' dan kollu l-esponenti kienu gustifikati li jitolbu rendikont tal-flus lill-atturi li kellha Ursola Camilleri u li ta' flusha l-atturi Maria Camilleri u Lilan Gatt kellhom kontroll effettiv;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom inkluz l-lista tax-xhieda hemm akkluza.

Rat l-atti kollha tal-process inkluza x-xhieda mismugha;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti u l-verbal taghha tal-25 ta' Jannar 2001.

Ikkunsidrat:

Dina hi azzjoni ta' millantazzjoni jew jattanza bbazata fuq l-Artikoli 403 et seq tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u allura fejn l-atturi qeghdin jitolbu li li jinhelsu minn allegati pretensjonijiet avvanzati mill-konvenuti b'dan li l-atturi qeghdin jitolbu li jigi moghti zmien lill-konvenuti sabiex igibu 'il quddiem b'kawza dawn l-allegati pretensjonijiet taghhom f'terminu li ma jeccedix it-tliet xhur, skond ma tiprefigi dina l-Qorti, u fin-nuqqas jigu impeduti li jagixxu qatt izjed fuq it-tali allegata pretensjoni taghhom, cioe' li jkun impost fuqhom il-perpetwu silenzju.

Il-bazi ta' l-azzjoni attrici huma zewg ittri ufficjali li l-konvenuti pprezentaw kontra taghhom datati 10 u 18 ta' April 2000 annessi mac-citazzjoni taghhom u markati dokti A u B rispettivament.

L-azzjoni attrici pero' hija monka minn aspett procedurali, senjatament u a bazi ta' l-Artikolu 415 tal-Kap 12. Dan l-Artikolu jghid illi: "l-azzjoni ta' jattanza ma tistax issir kontra persuni assenti u din lanqas ma tista' issir jew titkompla kontra minuri jew persuna ohra inkapaci li joqghodu f'kawza. Izda d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu m'ghandhomx japplikaw ghar-rigward ta' kull min matul it-tliet xhur li jigu minnufih qabel ma tkun saret l-azzjoni ta' jattanza, ikun jew personalment jew permezz ta' mandatarju ipprezenta att gudizzjarju fejn ivvanta l-pretensjoni tieghu". Dan ifisser li l-azzjoni attrici kellha tigi ntavolata fit-terminu stabilit fil-proviso ta' dan l-artikolu cioe' fi

zmien tliet xhur meta l-mandatarju ta' persuna assenti minn Malta ipprezentat, f'dan il-kaz, iz-zewg ittri ufficjali. Mill-atti innifishom jirrizulta li dan it-terminu skada b'tal-inqas xahrejn. In materja ta' ligi procedurali din hi ta' ordine pubbliku u ghalhekk in-nuqqas ta' osservazzjoni taghha hija sollevabbli "ex officio" mill-Qorti.

Ghalhekk il-Qorti qeghdha tichad t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur